# IL-POETA

Stħajjel li kien poeta biss fi ħsibijietu u mhux ukoll fl-għemil. Il-kliem ġew drabi li venvnu f'widnejh bħal riħ ħafif ukoll jekk ħadd ma jkun lissinhom. Kull fejn imur, imbagħad, jibqa' jhewden fuqhom sakemm jeħles kollox fl-ewwel biċċa karta li jsib.

Għall-bqija ma kienx wisq differenti minn ġuvintur oħrajn tamparu, mhux wisq aktar intelliġenti jew matur jew anqas ipokrita jew li lest jemmen dak li jgħidulu. Kien stramb għax ġuvni sabiħ ma tistenniehx li jkun daqstant serju, daqstant kwiet, daqstant riżervat. Kien jiħmar malajr, għal kull ħaġa ta' xejn, ma jafx kif, ma jafx għalfejn – meta jgħid kelma b'oħra, meta jisfa attakkat imma wkoll drabi oħrajn meta żgur ma jkollux għalfejn jistħi. Kien jissaħħar mis-sbuħija u jibża' minnha fl-istess waqt u bl-istess qawwa. Kellu tendenza kerha li jibqa' lura fejn ħaddieħor jibqa' għaddej bla xkiel. Kien jaħseb iżżejjed, skont xi wħud li ħasbu li fehmu kollox tajjeb — kif tgħix il-ħajja, kemm u kif għandek taħseb. Kien jaf, fuq kollox, li l-ħsieb

kien perikoluż. Kien il-ħsieb li warrbu minn familtu, kien il-ħsieb li minn daqqiet jgħaqqdu ma' sħabu, minn daqqiet jagħżlu wkoll minnhom. Kien jaf li l-ħsieb kien wara kull organizzazzjoni daqskemm wara kull element ta' diżorganizzazzjoni fil-ħajja. Kien il-ħsieb li jistaħba wara l-għażliet il-kbar tan-nies, is-suċċess tal-kummerċjant u l-qawwa tal-politiku, imma kien il-ħafna ħsieb ukoll li jtaqqal u jdgħajjef lill-bniedem mingħajr bżonn, li jwassal għall-mard, għall-ħruq tal-isbaħ talenti, għall-ġenn tal-moħħ.

Imbagħad stenbaħ jum wieħed u għaraf f'daqqa kif ħajtu kienet sfat xejn għajr pjan sħiħ biex jaħbi l-ħolm tiegħu, saħansitra l-fatt li kien joħlom u f'waqtiet, waranofsinhar jew tard billejl, jemmen huwa biss fi ħwejjeġ mhux ta' din id-dinja. Kien jaf bħala fatt li ħadd mhuwa l-istess bħal ħaddieħor imma seta' jemmen li huwa biss, fost tant nies għorrief, kien għaraf dan. Imma kien hemm tassew x'wieħed jibża' minħabba f'hekk? Jekk kien hemm xi maġija fl-arja, xi ħaġa sabiħa, ruħ ta' farfett jew fjura, seta' huwa biss jaqbadha, jaħtafha b'idejh it-tnejn jew b'id waħda, jekk mhux biex jgħixha biex jagħmilha tiegħu fil-kelma.

Ħaseb allura f'dakinhar fuq ix-xarabank meta, hi u għaddejja ambulanza, baħri Ingliż tfewwaq riħa ta' birra, għadda subgħajh minn ġo xagħru llamtat u lissen il-kliem b'ħeffa, "Hope he'll die," u hu kien

baqa' jaħseb f'dik ix-xena sakemm wasal id-dar. Ma kielx, mar dritt f'kamartu u ma niżilx qabel ma kiteb ħames faċċati sħaħ ta' versi, ħsibijiet imħarbtin dwar dak li kien ra u ħass huwa biss fuq ix-xarabank. Kien jaf żgur li ħadd ieħor ma kien għamel bħalu dakinhar imma tassew ma kien hemm xejn x'wieħed jistħi jew jibża' minn dan.

Dak iż-żmien kollox madwaru kien qed jgħidlu li, għal kulħadd u mhux għalih biss, kollox kellu jinbidel u xejn ma kellu jibqa' l-istess.

# 1955

Anki jekk l-1955 kienet tidher li se tkun sena oħra bla rbit, bla regoli, sena oħra li ma ġabet magħha ebda garanziji ħlief għar-riżultat tal-elezzjoni fl-aħħar ta' Frar, il-poeta kien jaqbel ma' sħabu li kien għadu kmieni wisq. Kulħadd dejjem irid kollox malajr imma l-ġrieħi tal-gwerra kienu għadhom ma fiqux għalkollox. Il-mixja tal-poplu Malti għall-kisba ta' xi forma ta' dinjità politika, bi prova tal-istorja antika tiegħu u tal-qlubija li dejjem wera anke fl-aktar żminijiet koroh u ħorox, kienet għadha tidher twila u għat-telgħa. Minkejja dan ħadd ma kellu għalfejn jaqta' qalbu, hekk kien jaħseb il-poeta, wisq anqas iż-żgħażagħ tamparu. Għalaq għoxrin sena ġimgħa qabel l-elezzjoni. L-isbaħ rigal għalih kienet l-aħbar li kien hemm għall-inqas persuna waħda li għarfet il-bżonn ta' dan il-pajjiż u li l-pajjiż kien qiegħed issa bi ħġaru warajha. Kollox kellu jibda minn hemm.

Xtara kopja ta' *The Struggle* u baqa' sejjer dritt jaqraha fuq mejda quddiem kikkra kafè iswed jagħli u

sigarett l-*Egyptian Queen*. F'xi ħin xi ħadd resaq fuqu, staqsieh, "U int, xi trid?" Ma fehmux mill-ewwel.

"Għidtlek, xi trid, li tibqa' Malti jew li ssir Ingliż?"

Il-poeta nfixel u ma wieġeb xejn.

L-ieħor kompla, bi tbissima mqanżħa fuq xufftejh, "Jew forsi Skoċċiż biċ-ċirimella? Jgħidu li ma jilbsu xejn taħt id-dublett."

Il-poeta qam, ħallas u telaq 'il barra bil-gazzetta mitwija taħt idejh. Kien għadu ma sabx il-kliem għal tweġiba f'waqtha imma jiġuh aktar tard, meta jkun waħdu, u forsi jkun jista' jużahom darb'oħra.

Mitt ħsieb kien għaddej minn rasu hu u ħiereġ mill-Belt, tant li xħin għadda Anton minn ħdejh ma kienx jagħrfu kieku dan ma ġibdux minn minkbu u waqqfu.

"Fejn sejjer? Tidher imħasseb."

"Imkien," wieġeb, u għalhekk komplew flimkien għal fejn kien sejjer Anton.

# UĊUĦ

Xħin ħares fil-mera dalgħodu ma reġa' ra xejn ġdid għajr dak il-wiċċ li għad irid jixbah aktar 'il dak ta' missieru. Għall-bqija, id-dettalji, il-lessiku ta' ġismu bħall-movimenti ħfief ta' jdejh irqaq, il-mixja stramba, ir-ruħ imqanqla, in-nar f'qiegħ għajnejh kienu lkoll t'ommu. Kellu xagħru itwal milli suppost u għadda subgħajh minn ġon-nokkli suwed. Xagħru kien twil imma ħaseb li jixraqlu hekk, bil-ferq fil-ġenb u tentufa mferfxa nieżla fuq għajnejh. Ir-reklami fuq il-gazzetti bl-Ingliż kienu jgħidulek li biex tintgħoġob u tkun popolari trid ta' bilfors iddellek xagħrek lura bil-kremi. Imma, il-poeta kien jaħseb, il-modi taż-żminijiet mhux ta' bilfors jgħoddu għal kulħadd.

Beda jqaxxar il-leħja imma fin-nofs ftakar fi frażi sabiħa, qalha darbtejn minn taħt l-ilsien u kien diġà jaf li sakemm jinħasel jilħaq jinsieha. Għalhekk ħareġ malajr minn ġol-kamra tal-banju b'xugaman bilkemm marbut ma' qaddu u nofs ilħitu mdellka bis-sapun u mar iġib il-lapes u l-ktejjeb minn kamartu.

Imma għalfejn din il-ħeġġa kollha? Ir-rieda x'kienet? Forsi li jniżżel il-kliem biss, li jikteb u jara b'għajnejh il-kliem li jkun ħaseb – imma jekk kien hekk, li l-poeżija kellha titwieled u tmut miegħu, ma kienx ikun biżżejjed li jlissen il-kliem biss, la lissinhom hu, u wara jħallihom itiru minn fejn ġew? Jew kienu għal ħaddieħor ukoll, bħal lista tax-xirja, li wieħed jiktibha d-dar u mbagħad jaqraha lil tal-ħanut biex jieħu dak li jrid minnu jew għall-inqas jirreferi għaliha biex jiftakar xi jrid? Imma x'seta' jieħu l-poeta bis-saħħa biss tal-poeżija tiegħu?

Għażel qalziet u ġlekk iswed u qmis bajda. Ħareġ meta kien għadu ma dalamx sewwa għalkemm is-sema kien diġà ikħal skur u t-toroq vojta. Is-sigarett bil-ġamra ħamra fit-tarf imdendel minn fuq xufftejh, il-karta u l-lapes li kien iġorr dejjem miegħu ħasshom fil-but tal-qalziet. Nofs triq, waqaf iħares lejn ir-rifless f'vetrina ta' ħanut u għoġbu dak li ra, aktar minn dak li kien lemaħ aktar qabel fil-kamra tal-banju waqt li kien qiegħed iqaxxar il-leħja. In-nofs dlam ħeba d-difetti li kien jaf — l-imnieħer ftit jew wisq goff, l-għajnejn żgħar u x-xufftejn irqaq, l-għads …

Waqaf biss għal mument, reġa' għadda l-pala t'idu l-leminija ħafifa minn ġo troffa sewda u kompla fi triqtu. Qabad is-sigarett bejn l-ewwel u t-tieni seba' t'idu x-xellugija u l-id l-oħra tefagħha fil-but mal-lapes u l-karta. Kien jaf fejn kellu jmur.